MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 99/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Roderick Sammut ts' 26 sena, iben Emanuel u Mary Anne nee` Borg, imwieled Pieta` nhar l-14 ta' Dicembru 1985, residenti 11, Block H, Triq il-Gardjoli, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 9886(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat:

1. Li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Marzu, 2012, gewwa x-Xghajra u gewwa dawn il-Gzejjer bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charmaine Abela mix-

Xghajra kontra il-volonta taghha, waqt liema arrest il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata gie offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u aktar talli liema arrest sar fuq il-persuna li ghandu tarbija komuni maghha u aktar talli:

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe li minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Charmaine Abela mix-Xghajra f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq persuna taghha, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentai u indipendenti mill-volonta tieghu u aktar talli;

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb ghal Charmaine Abela mix-Xghajra u ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. M.Tufigno u aktar talli;

4. fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ikkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza ta’ zewg sim cards mix-Xgharja, u dang had-detriment ta’ Charmaine Abela mix-Xghajra u aktar talli:

5. fl-istess data, lok u cirkostanzi gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b’tali imgieba tieghu , ser jikkaguna lil haddiehor biza u aktar talli;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Charmaine Abela bi kliem, gesti jew affarijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Awissu, 2012;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet lill-parte leza tiddikjara li qed tahfer lill-imputat ghall-akkadut u tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn dawn huma rinunzjabbli.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u l-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Izda billi l-parte leza irrinunzjat ghall-akkuzi u billi t-3 u s-6 akkuza huma rininzjabbli, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-parte leza u l-imputa llum irrikonciljaw id-differenzi ta’ bejniethom u l-parte leza hafret lill-imputat tal-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17, 31, 41(1)(a), 86, 87(1)(c)(h), 218, 221, 222(1)(a), 261, 262, 270, 274, 275, 277, u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tiddikjra l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet u s-sitt akkuzi issib lill-imputat hat ital-kumplament tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tilibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------